# Esperti tal-UE jissuġġerixxu kawtela

## Iżda l-FKNK ixxerred ottimiżmu falz biex tipprova tiġġustifika l-kaċċa tal-gamiema

Fl-aħħar tentattiv tagħha ta' greenwashing, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) f'Malta ħabbret żieda fin-numri tal-gamiema fir-rotta taċ-Ċentru u l-Lvant tal-Ewropa — u ppreżentatha bħala rkupru sinifikanti. Madankollu, waqt li kkwotat x'sabu stati membri tal-UE, l-FKNK naqset milli ssemmi li t-Task Force tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru tal-għasafar, ġeddet ir-rakkomandazzjoni li ma ssirx kaċċa f'din ir-rotta li tagħmel parti minnha Malta.

Din l-għażla selettiva ta' irrapportar, tinjora l-kuntest usa: iż-żieda rrappurtata hija wisq żgħira meta mqabbla ma' tnaqqis fit-tul ta' madwar 340,000 koppja ta' gamiem – jew 37% minn l-2005.

Skont ir-rapport tal-esperti tal-UE ppreżentat lit-Task Force f'Marzu 2025:

"Fil-każ tar-rotta taċ-Ċentru u Lvant, id-dejta aġġornata tal-PECBMS turi xi rispons għall-miżuri ta' restrizzjoni tal-kaċċa rrappurtati fl-aħħar sena, iżda dan mhux sinifikanti statistikament, u għandu bżonn jiġi kkonfermat fis-snin li ġejjin. B'mod ġenerali, skont ir-riżultati s'issa, l-uniku tibdil jidher li hu stabbilizzazzjoni fil-popolazzjoni u huwa biss ħjiel ta' rkupru… Fid-dawl ta' dawn il-limitazzjonijiet, ir-rispons dgħajjef tal-popolazzjoni osservat f'din ir-rotta, meta mqabbel ma' dak tal-Punent (u osservat biss f'sena waħda), **jindika li l-kaċċa x'aktarx għadha sinjifikanti jew f'livelli li huma ogħla mil-livell sigur — li għadu mhux magħruf."**

L-FKNK tonqos milli issemmi li l-popolazzjonijiet tal-gamiem fir-rotta taċ-Ċentru u Lvant tal-Ewropa naqsu b'340,000 koppja mill-2005 — tnaqqis ta' 37% fi 19-il sena. Bħala riżultat, it-tendenza ta' 10 snin tal-PECBMS għal din ir-rotta iċċaqilqet minn "stabbli" għal "tnaqqis moderat", b'tendenza multiplikattiva li issa niżlet kompletament taħt 1 — indikatur ta' tnaqqis kontinwu fil-popolazzjoni.

Malta reġgħet injorat ir-rakkomandazzjoni tal-esperti billi fetħet l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2025 fuq il-gamiema— staġun mifni b'illegalitajiet, inkluż kaċċa fuq l-għasafar qabel il-ftuħ uffiċjali tal-istaġun (Ebda-ligi-Ebda-sorveljanza-Ebda-dejta-Jiftah-l-istagun-tal-kacca-fir-rebbiegha-2025-fost-kacca-u-nsib-illegali-kuljum-u-nuqqas-ta-trasparenza.pdf).

Barra minn hekk, il-gvern reġa' ppermetta deroga — li kienet ipprojbita mill-2011 — biex l-FKNK tkun tista' tonsob u żżomm il-gamiem. Minkejja li BirdLife Malta talbet diversi drabi lill-WBRU u liċ-Chairman tal-Kumitat Ornis, id-dettalji ta' din id-deroga għadhom ma ġewx żvelati.

"BirdLife Malta mhix sorpriża bl-informazzjoni qarrieqa kontinwa mill-FKNK biex tipprova tbella taħt il-kappa tal-konservazzjoni, l-interessi tal-kaċċa," qal il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara. Dawn jinkludu:

- Tippreżenta l-insib u t-trobbija tal-gamiema bħala "reintroduzzjoni"
- Tippreżenta r-rilaxx ta' għasafar mrobbija fil-magħluq b'tags bħala "riċerka xjentifika"
- Tiddefendi l-qbid illegali tal-għasafar tal-għana taparsi għal "skopijiet ta' riċerka"

B'dak li qed jiġri llum, l-unika ħaġa li l-FKNK fadlilha tbella hi li l-kaċċa illegali ta' speċi vulnerabbli waqt li qed ipassu lejn l-Ewropa biex ibejtu fir-rebbiegħa, hija forma ta' konservazzjoni!

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/